bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb)
vs
Matthew Scicluna, iben Lucrezio, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ awissu, 1984
u
Matthew Meli, iben Mario, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ april, 1985
u
Neil Attard, iben Raymond, imwieled Pieta’ fit-30 ta’ diċembru, 1983
u
William Agius, iben David, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ settembru, 1986

Illum, 19 ta’ lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fit-8 ta’ awissu, 2001 u matul ġranet oħra, fix-Xgħajra, b’diversi azzjonijiet magħmulin minnhom fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

1. talli fl-istess perjodu, bnew, biddlu, għamlu, ipposjedu, biegħhu jew xtraw xi apparat li bih kienu jistgħu jikkonettu kontra l-liġi ma sistema ta’ telekomunikazzjoni;
2. talli fl-istess perjodu, volontarjament, qatgħu, kissru, waqqgħu, iddistruġġew, għamlu ħsara jew neħħew batterija, makkinarju, fil, gumna, arblu jew materjal ieħor jew kull ħaġa oħra li tagħmel parti minn telegrafu, elettriku jew magnetiku, bil-fili jew mingħajr fil, jew li jkun użat jew li jservi f’dan it-telegrafu, jew fit-tħaddim tiegħu, jew għamlu xi ħaġa li żżomm jew tfixkel b’xi mod ieħor il-mogħdija minn banda għal oħra ta’ messaġġ;
3. fuq talba tar-Regolatur tat-telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta’ żmien u ċirkostanzi, f’dawn il-Gżejjer, ipprovdew servizz ta’ telekomunikazzjonijiet jew installew jew ħaddmu nfrastruttura ta’ installazzjoni taħt u skond xi dispozizzjoni ta’ l-Att biex jirregola it-Telekomunikazzjoni jew bi vjolazzjoni jew ksur ta’ xi

patt, kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni mposti minn jew taħt l-Att biex jirregola it-Telekomunikazzjoni jew fl-istrument li jkun fih l-awtorizzazzjoni;

4. fuq talba tar-Regolatur tat-telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, biegħu jew offrew għal bejgħ jew ipprovdew, jew installaw jew użaw xi nstallazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma dawk l-istandards tekniċi jew speċifikazzjonijiet hekk meħtieġa jew stabbiliti minn jew taħt l-Att biex jirregola it-Telekomunikazzjonijiet, jew li kienu jafu, jew kellhom raġuni valida għaliex jobsru li kienu diffettuzi jew inkompattibbli mas-servizzi li jkunu inbiegħu, ġew provduti, istallati jew użati għalihom;
5. fuq talba tar-Regolatur tat-telekomunikazzjonijiet, fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, użaw xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat għal xi għan li ma jkunx dak li għalih kienu ġew provduti, jew naqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew għamlu użu minnu mhux sew.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' lulju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' lulju, 2002 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputati ħallsu dak kollhu dovut.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 298A u 326 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 39(1)(a)(b)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.